MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 605/2002

**Allied Insurance Agency Limited**

**vs**

**Melita Insurance Brokers Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u erba’ liri Maltin u hamsin centezmu (Lm3,904.50) dovuti mis-socjeta’ konvenuta rapprezentanti l-hlas dovut fuq poloz ta’ assigurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici lil terzi persuni fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta bhala ‘brokers’ tas-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ konvenuta, nonostante debitament interpellata thallas l-ammont dovut, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-dati tal-hrug tal-fatturi sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-4 ta' Dicembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg.